

Brussell, 5 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11827/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0321 (NLE)

PECHE 321

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Settembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 613 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-ispnotta Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 613 final.

Mehmuż: COM(2018) 613 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.9.2018
COM(2018) 613 final

2018/0321 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd
għall-ispnotta Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Dawn l-opportunitajiet tas-sajd normalment jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma mfassla skont l-għanijiet u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid tal-PKS.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, l-adozzjoni ta' miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd hija r-responsabbiltà tal-Kunsill.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Proposta tqis ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati, tal-Kunsilli Konsultattivi, tal-amministrazzjonijiet nazzjonali, tal-organizzazzjonijiet tas-sajjeda u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)¹.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd huwa ċirkoskritt bl-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhux se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jimmodifikaw ir-Regolament 2018/120 kif deskritt hawn taħt.

Spnotta Ewropea

Nhar it-2 ta' Lulju 2018, l-ICES ħareġ parir rivedut għall-2018 għall-ispnotta Ewropea fid-diviżjonijiet 4b–c, 7a, u 7d–h tal-ICES (iċ-Ċentru u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Irlandiż, il-Kanal Ingliż, il-Kanal ta' Bristol u l-Baħar Ċeltiku). F'dan il-parir l-ICES indika mortalità mis-sajd iżjed baxxa mis-sajd rikreattiv u rata oġhla ta' sopravvivenza mill-prattika ta' qbid u rilaxx, milli kien stmat qabel. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi introdott limitu tal-qabda ta' kuljum ta' ħuta waħda kuljum għal sajjieda dilettanti applikabbli minn Ottubru sa Diċembru 2018.

¹ <http://www.ices.dk/community/advisory-process/Pages/Latest-advice.aspx>

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-ispnotta Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120² jistabbilixxi għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ressaq parir rivedut għall-ispnotta Ewropea (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b–c, 7a, u 7d–h tal-ICES (iċ-Ċentru u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Irlandiż, il-Kanal Ingliż, il-Kanal ta' Bristol, u l-Baħar Ċeltiku) għal 2018. Skont dak il-parir, sabiex ikun hemm konformità mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY), fl-2018 jenħtieġ li t-tneħħija tas-sajd kummerċjali u ta' dak rikreattiv ma tkunx taqbeż it-880 tonnellata. Permezz tas-sett ta' miżuri biex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk, il-bijomassa hi mistennija li tiżdied fl-2018. F'dak il-parir l-ICES indika wkoll mortalità mis-sajd iżjed baxxa mis-sajd rikreattiv u rata ta' sopravvivenza oġhla mill-prattika ta' qbid u rilaxx (ir-rata ta' mortalità mis-sajd ta' 5 %), milli kien stmat qabel (15 %). Għalhekk, huwa xieraq li l-limitu ta' ħuta waħda għal kull sajjied jista' jinżamm fis-sajd rikreattiv li jsir bejn Ottubru u Diċembru 2018.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/120 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/120, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7a sa 7k tal-ICES:

a) mill-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Settembru 2018, għandu jkun permess biss is-sajd ta' qbid u rilaxx għall-ispnotta Ewropea. Matul dak il-perjodu, għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord, tiġi rilokata, trażbordata jew tinħatt l-art l-ispnotta Ewropea li tinqabad f'dik iż-żona;

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

b) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2018, kull sajjied jista' jżomm massimu ta' eżemplar wieħed ta' spnotta Ewropea kuljum."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*